MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' April 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Reuben Alessandro Abela**
**(ID: 587090M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Reuben Alessandro Abela** talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Mejju 2016 fis-sieghat bikrin ta' filghodu minn gewwa l-istabbiliment Footloose, Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Ikkommetta serq ta' mobile phone IPhone 6, dokumenti u oggetti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' li jiskorri l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euro) imma mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euro), u bil-'hin', ghad-dannu ta' Richard Phillipe Torres.

2. Bil-hsieb li jisraq mobile phone minn handbag ta' Lucia Rovnakova, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga incidentali u indipendenti mill-volonta` tal-hati, liema serq, kieku esegwit, kien ikun ikkwalifikat bil-'valur' li jiskorri l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u

disghin centezmu (232.94 Euro) imma mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euro), u bil-'hin', ghad-dannu ta' Lucia Rovnakova.

3. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

4. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali datata 25 ta' Awwissu 2016 permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lil Richard Philip Torres, lil Lucia Rovnakova, lil Francis Zammit, lil PC 906, lil PS 887 u lill-Ispettur Matthew Spagnol;

Semghet lill-imputat;

Rat is-*social inquiry report* fir-rigward tal-imputat;

Rat dak verbalizzat fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2017, u cioe` li din il-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni addebitata lill-imputat li tirrigwarda li huwa kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza peress li l-imputat diga kien gie kkundannat dwarha permezz ta' sentenza ohra tal-14 ta' Lulju 2016;

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta serq ta' *mobile phone* tad-ditta *Iphone* 6, dokumenti u oggetti ohra ghad-dannu ta' Richard Philippe Torres u wkoll ta' tentattiv ta' serq ta' *mobile* iehor ghad-dannu ta' Lucia Rovnakova.

Illi **Richard Philippe Torres** stqarr illi huwa u t-tfajla tieghu kienu gewwa l-*Footloose Club* meta nnota lill-imputat wara t-tfajla tieghu. Ghall-ewwel haseb li kien qed imissha pero` mbaghad induna li l-imputat kellu jdejh fil-basket taghha. Jghid li immedjatament resaq *secuirty guard* fuqhom u zamm lill-imputat u fl-istess waqt l-imputat beda jarmi xi affarijiet minn gol-bwiet tieghu, fost liema kien hemm xi affarijiet li kienu jappartjenu lit-tfajla tieghu. Jghid ukoll li hu nduna li l-*mobile* tieghu, li kien fil-basket tat-tfjala tieghu, kien sparixxa. Jghid li qabel wasal is-*security guard* huwa ra lill-imputat jitkellem ma' terza persuna. Pero` fl-ebda mument ma rah jiehu l-*mobile* tieghu.

**Francis Zammit** stqarr illi fil-lejl in kwistjoni kien qieghed jahdem ta' *security* gewwa l-*Footloose Club* meta nnota bniedem suspettuz u wara li qaghad josservah qabdu b'idejh go basket ta' persuna femminili. Ix-xhud jghid li hataflu jdejh f'liema jdejn kellu *mobile* u wara li zammu ghaddih lill-Pulizija. Jispjega illi habib tal-persuna femminili beda jghid li kellu iPad gol-basket in kwistjoni pero` wara tfittxija li ghamlu kemm fuq l-imputat u kemm fuq zewg persuni ohra ma sabu xejn. Jghid li l-imputat rega' telaq il-*mobile* fil-basket minn fejn kien se jiehdu. Jghid ukoll li hu u shabu ghamlu tfittxija ghal affarijiet ohra mal-art pero` ma nstab xejn.

**Lucia Rovnakova** stqarret illi hija kienet qieghdha f'*disco* gewwa Paceville ma' xi hbieb taghha. Tghid li fil-basket taghha hija kellha *mobile phone* ta' habib taghha, Richard Torres, u waqt li kienu qed jizfnu hasset qisu xi hadd qed idejjaqha minn wara. Ghalhekk hi daret u rat *bouncer* gej lejha u rat ukoll lill-imputat li gharfitu fl-awla. Tghid li meta indunat bl-imputat huwa kien ghad ghandu idejh gol-basket taghha u li l-bouncer hariglu jdejh. Tghid li wara rrealizzaw li l-*mobile phone* ta' Torres ma kienx ghadu fil-basket.

**PS 887 Stefan Mercieca** xehed illi huwa kien xoghol gewwa Paceville meta gew imsejjha gewwa l-Footloose fejn sabu bouncer, certu Francis Zammit, izomm persuna li x-xhud gharaf bhala l-imputat. Saret tfittxija fuq l-imputat pero` ma nstab xejn fuqu. Jispjega pero` li waqt li kienu qeghdin hdejn il-vann tal-Pulizija gew avvicinati minn tfajla u guvni ta' nazzjonalita` Slovakka u l-guvni qalilhom li kien ra lill-imputat jiehu l-*mobile phone* tieghu minn gol-basket tat-tfajla.

**L-Ispettur Matthew Spagnol** stqarr illi huwa ha l-versjoni ta' Richard Torres u ta' Lucia Rovnakova u stqarrija tal-imputat fejn innega li qatt kien vicin id-*dance floor* tal-club in kwistjoni.

**L-imputat** stqarr illi huwa ma ha l-ebda *mobile* fil-lejl in kwistjoni u li dakinhar kien gewwa l-club wahdu. Huwa jinnega li mill-but tieghu waqghu affarijiet li

kienu fil-basket tat-tfajla. Hu jispjega li ha qata' meta ra l-*bouncer f*uqu ghax hu kien qed idur biex johrog 'il barra wara li xtara drink.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat kemm b'serq aggravat bil-valur u l-hin fir-rigward ta' *Iphone* 6 appartenenti lil Richard Philippe Torres u kif ukoll b'tentattiv ta' serq bl-istess aggravji ta' *mobile phone* appartenenti lil Lucia Rovnakova.

Illi fir-rigward tal-**ewwel imputazzjoni** u cioe` s-serq tal-*mobile* tad-ditta Iphone 6, din il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha migjuba quddiemha ma thossx li ghandha dik ic-certezza morali li thalliha serenement issib htija fl-imputat. Huwa veru li c-cirkostanzi huma tali li jistghu jitfghu suspett fl-imputat, pero` l-Qorti semghet ukoll lil Francis Zammit, is-*security* li osserva lill-imputat u fil-fatt qabdu b'idejh gol-basket ta' Lucia Rovnakova, li fl-ebda mument ma rah jghaddi xi affarijiet lil terzi. Jirrizulta wkoll illi meta *a tempo vergine* saret tfittxija fuq l-imputat ma nstab xejn fuqu. Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li dan id-dubju ghandu jimmilita favur tal-imputat u ghalhekk se tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.

Illi fir-rigward tat-**tieni imputazzjoni**, minkejja n-negazzjoni totali tal-imputat, il-Qorti ma tistghax ma taghtix il-piz dovut lix-xhieda ta' Francis Zammit li ra lill-imputat b'idejh fil-basket ta' Lucia Rovnakova u li xehed li qabdu b'idejh gol-basket itella' l-*mobile*. Illi f'dan il-kaz il-Qorti m'ghandha l-ebda ombra ta' dubju dettat mir-raguni illi l-imputat kien behsiebu jisraq il-*mobile* ta' Rovnakova u li kien biss minhabba li inqabad fil-fatt li ma esegwiex id-delitt. Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha ssibu hati ta' tentattiv ta' serq aggravat.

Illi t-tielet imputazzjoni, u cioe` li li kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza giet iritrata mill-Prosekuzjoni stante li l-imputat diga gie trattat dwarha f'sentenza ohra datata 14 ta' Lulju 2016.

Illi fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-Qorti tinnota illi l-imputat ghandu fedina penali refrettarja, bil-maggor parti tar-reati ikunu relatati ma' serq aggravat. Illi fl-ghoti tal-piena l-Qrati trattaw mal-imputat kemm b'sentenzi sospizi u kif ukoll b'termini ta' prigunerija effettiva. Pero` l-imputat qisu ma jridx jitghallem minn dawn l-esperjenzi. Illi din il-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra hlief li tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija effettiva bl-isperanza li fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin isib ghajnuna biex jindirizza kwalunkwe problema li jista' ghandu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikoli 20, 31, 41 (1) (a), 49, 50, 261 (c) u (f), 267, 270, 279 (a), u 289 qiegħdha tiddikjara lill-imputat **Reuben Alessandro Abela**, bhala recidiv, hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah **ghal tnax-il (12) xahar prigunerija** filwaqt li tiddikjarah mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha. Il-Qorti qieghdha wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

---

Diane Gatt
Deputat Registratur